ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

S

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2018**

## ID-DISA' SENA    L-ISTUDJI SOĊJALI (*ĠENERALI)*

**L-Isem:** ___________________________________ **Il-Klassi:** ______________

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet (A, B, C U D). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Imla l-vojt bil-kliem provdut.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| riżors uman | l-iskola | komunità globali | ċittadin globali | il-paċi |
| in-normi | għajxien | koeżjoni | bażiku | ir-reliġjon |

1. Il-kultura hija l-mod ta' ______________________ ta' poplu sħiħ.
2. It-tolleranza tgħin biex tiżdied ______________________ fil-komunità li ngħixu fiha.
3. L-edukazzjoni hija dritt ______________________ ta' kull bniedem.
4. Huwa d-dmir ta' kull ______________________ li jirrispetta l-ambjent naturali.
5. ______________________ jinbidlu maż-żmien pereżempju, illum in-nisa m'għadhomx jilbsu l-għonnella.
6. Nirreferu għall-ħaddiema bħala ______________________.
7. F'Malta, ______________________ taffettwa lill-kultura b'mod qawwi.
8. In-normi huma mezz ta' ______________________ soċjali fis-soċjetà.
9. L-edukazzjoni tul il-ħajja sseħħ meta nibqgħu nitgħallmu anke wara li nkunu spiċċajna mmorru ______________________.
10. Hu fejn hu fid-dinja, il-bniedem huwa parti minn ______________________.

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima B: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.**

1. L-iskola tista' tgħin liż-żgħażagħ biex ikunu ħaddiema tal-futur billi
   a) tgħallimhom ħiliet bħall-użu tal-kompjuter
   b) jaraw films fuq it-televiżjoni
   c) jmorru l-mużew

2. Il-bniedem jibda jitgħallem meta tibda s-soċjalizzazzjoni tiegħu jiġifieri
   a) mill-iskola primarja
   b) mill-isports
   c) mit-twelid

3. Wieħed mill-ikbar riżorsi li għandha Malta huwa
   a) r-riżors uman
   b) l-edukazzjoni
   c) l-ilma

4. Il-valuri huma
   a) dawk il-kwalitajiet li huma importanti ħafna għall-bniedem
   b) tradizzjonijiet
   c) talenti

5. Meta ma nimxux man-normi
   a) nistgħu nsibu x-xogħol
   b) nistgħu niġu mwarrba mis-soċjetà
   c) ngawdu l-kultura ta' pajjiżna

6. Meta ż-żgħażagħ jitgħallmu dwar problemi dinjija, dan jgħinhom
   a) isiru membri ta' tim sportiv
   b) jiltaqgħu mal-ħbieb
   c) biex isiru ċittadini globali

7. Dinja fejn hemm il-paċi tfisser li bniedem jista'
   a) jgħix f'armonija mal-oħrajn
   b) jkun bla paċenzja
   c) jaħseb fih innifsu biss

8. Malta ħadet sehem fil-proċess ta' paċi fil-Mediterran meta
   a) rebħet it-Tazza Ewropea
   b) faqqgħet il-gwerra ċivili fil-Libja
   c) ċċelebrat l-festi tar-raħal

9. L-edukazzjoni għal ċittadinanza globali tinkludi li t-tfal jitgħallmu
   a) kif jispellu u jgħoddu
   b) kif jilagħbu
   c) dwar l-isfidi li għandha d-dinja

10. Il-kultura hija ħajja u għalhekk
    a) ġieli jidħlu użanzi ġodda u moderni
    b) tibqa' dejjem l-istess
    c) ma tibqax popolari

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima C: Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarha.**

Londra hija waħda mill-iktar bliet multikulturali fid-dinja. Fiha hemm jgħixu diversi gruppi etniċi li ġew minn pajjiżi bħall-Ghana, il-Ġamajka u l-Indja. Id-dinja hija rappreżentata tajjeb f'din il-belt mimlija ħajja.

Madwar terz tan-nies li jgħixu hemm huma barranin. Għalkemm l-Ingliż huwa l-lingwa uffiċjali, it-toroq ta' Londra huma vibranti bil-lingwi differenti minn madwar id-dinja kollha. Hemm madwar 200 lingwa b'kollox. Filwaqt li ħafna barranin għażlu lil Londra bħala d-dar l-ġdida tagħhom, xorta għad għandhom imħabba kbira lejn il-kultura ta' pajjiżhom u jagħmlu ħilithom biex jaqsmuha ma' kulħadd billi jorganizzaw ikliet etniċi u l-festival ta' Notting Hill.

Silta addattata minn: https://theculturetrip.com/articles/the-10-most-multicultural-cities-in-the-world/

1. Agħti t-tifsira tal-kelma **multikultura**.

______________________________________________________________ (2)

2. Semmi **żewġ** modi kif pajjiż isir multikulturali.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (4)

3. Agħti **żewġ** eżempji ta' pajjiżi multikulturali oħra li taf bihom inti.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (4)

4. Għaliex taħseb li l-bnedmin imorru joqogħdu f'pajjiżi oħra? Agħti **tliet** raġunijiet għal dan.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (6)

5. Semmi **żewġ** modi kif l-immigranti jaffettwaw il-kultura lokali?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (4)

6. X'differenza tgħaddi bejn **kultura** u **wirt kulturali**?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (4)

7. In-normi u t-tradizzjonijiet iġibu koeżjoni fis-soċjetà.

(a) Agħti t-tifsira ta' **koeżjoni**.

_______________________________________________________________ (2)

(b) Agħti **żewġ** eżempji ta' attivitajiet li juru koeżjoni fis-soċjetà.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (4)

8. Fis-silta qrajna li l-belt multikulturali ta' Londra hija mimlija ħajja. Għaliex taħseb li hi hekk? X'effett iħallu l-gruppi etniċi fuq is-soċjetà?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (5)

**(35 marka)**

**Taqsima D: Ikteb paragrafu ta' madwar 130 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Illum hemm enfasi qawwija fuq l-edukazzjoni tul il-ħajja. Iddiskuti.
2. Semmi u spjega **żewġ** sitwazzjonijiet fejn Malta kellha sehem importanti fiż-żamma tal-paċi fil-Mediterran.
3. L-elementi ewlenin li jiffurmaw l-identità kulturali ta' poplu.

**(25 marka)**

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

**Total: 100 marka**